



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

---

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

---

**2014/2075(DEC)**

13.1.2015

# **EMENDI**

## **1 - 7**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Sylvie Guillaume**  
(PE541.395v01-00)

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, Taqsima III – Il-Kummissjoni (2014/2075(DEC))

AM\1038293MT.doc

PE541.400v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

AM\_Com\_NonLegOpinion

**Emenda 1**  
**Sylvie Guillaume**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 3**

*Abbozz ta' opinjoni*

3. huwa sodisfatt li r-rata ta' żbalji residwi kkalkulati **mill-Qorti tal-Awdituri** fl-aħħar tal-2013 kienet inqas minn 2 % għall-qasam tal-ġustizzja u tal-affarijiet interni;

*Emenda*

3. huwa sodisfatt li r-rata ta' żbalji residwi kkalkulati **mis-servizzi tal-Kummissjoni** fl-aħħar tal-2013 kienet inqas minn 2 % għall-qasam tal-ġustizzja u tal-affarijiet interni;

*(Korrezzjoni: Huma s-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea, u mhux, kif imsemmi inizjalment, il-Qorti tal-Awdituri, li kkalkulaw u stabbilixxew ir-rata ta' żbalji residwi ta' 2 % għall-qasam tal-ĠAI).*

Or. fr

**Emenda 2**  
**Petr Ježek**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 3**

*Abbozz ta' opinjoni*

3. huwa sodisfatt li r-rata ta' żbalji residwi kkalkulati mill-Qorti tal-Awdituri fl-aħħar tal-2013 kienet inqas minn 2 % għall-qasam tal-ġustizzja u tal-affarijiet interni;

*Emenda*

3. huwa sodisfatt li r-rata ta' żbalji residwi kkalkulati mill-Qorti tal-Awdituri fl-aħħar tal-2013 kienet inqas minn 2 % għall-qasam tal-ġustizzja u tal-affarijiet interni; **jenfasizza madankollu li dejjem għandu jkun hemm determinazzjoni li titnaqqas ulterjorment ir-rata ta' żbalji fil-baġit;**

Or. en

**Emenda 3**  
**Petr Ježek**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 4**

*Abbozz ta' opinjoni*

4. Jilqa' **r-rakkomandazzjoni** Nru.2 tal-Qorti tal-Awdituri skont liema l-Kummissjoni trid tiżgura li l-attivitajiet ta' kontroll tagħha jkunu aktar ibbażati fuq analiżi tar-riskji, li jiffukaw il-kontrolli tagħha fuq il-benefiċjarji ta' riskju għoli (per eżempju, l-entitajiet inqas imdorrija għall-iffinanzjar Ewropew) u li jnaqqsu l-piż tal-kontrolli li jaqa' fuq dawk li għalihom ir-riskji huma inqas;

*Emenda*

4. Jilqa' **għalhekk ir-rakkomandazzjoni** Nru.2 tal-Qorti tal-Awdituri skont liema l-Kummissjoni trid tiżgura li l-attivitajiet ta' kontroll tagħha jkunu aktar ibbażati fuq analiżi tar-riskji, li jiffukaw il-kontrolli tagħha fuq il-benefiċjarji ta' riskju għoli (per eżempju, l-entitajiet inqas imdorrija għall-iffinanzjar Ewropew) u li jnaqqsu l-piż tal-kontrolli li jaqa' fuq dawk li għalihom ir-riskji huma inqas;

Or. en

**Emenda 4**  
**Petr Ježek**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 5**

*Abbozz ta' opinjoni*

5. Jieħu nota tal-konklużjonijiet tar-rapport speċjali Nru.3/2014 tal-Qorti tal-Awdituri, intitolat "Tagħlimiet mill-iżvilupp imwettaq mill-Kummissjoni Ewropea tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tattieni ġenerazzjoni (SIS II)" li fih il-Qorti tal-Awdituri eżaminat ir-raġunijiet li wasslu lill-Kummissjoni biex tforni s-SIS II b'aktar minn sitt snin ta' dewmien fir-rigward tal-iskadenza oriġinali, u għal kost ferm oġhla mill-istimi inizjali;

*Emenda*

5. Jieħu nota tal-konklużjonijiet tar-rapport speċjali Nru.3/2014 tal-Qorti tal-Awdituri, intitolat "Tagħlimiet mill-iżvilupp imwettaq mill-Kummissjoni Ewropea tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tattieni ġenerazzjoni (SIS II)" li fih il-Qorti tal-Awdituri eżaminat ir-raġunijiet li wasslu lill-Kummissjoni biex tforni s-SIS II b'aktar minn sitt snin ta' dewmien fir-rigward tal-iskadenza oriġinali, u għal kost ferm oġhla mill-istimi inizjali;  
***jenfasizza li r-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu segwiti sabiex jiġi żgurat ibbaġitjar prudenti u realistiku b'rabta mal-proġetti fuq skala kbira;***

Or. en

**Emenda 5**  
**Tomáš Zdechovský**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 6**

*Abbozz ta' opinjoni*

6. Jinsab sodisfatt li l-Fond għall-Fruntieri Esterni kkontribwixxa favur is-solidarjetà finanzjarja; Madankollu jiddeplora li l-valur miżjud Ewropew kien limitat u li r-riżultat kumplessiv ma setax jitkejjel minħabba dgħufijiet fil-monitoraġġ min-naħa tal-Awtoritajiet Responsabbli u nuqqasijiet serji fl-evalwazzjonijiet ex post tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri.

*Emenda*

6. Jinsab sodisfatt li l-Fond għall-Fruntieri Esterni kkontribwixxa favur is-solidarjetà finanzjarja; Madankollu jiddeplora li l-valur miżjud Ewropew kien limitat u li r-riżultat kumplessiv ma setax jitkejjel minħabba dgħufijiet fil-monitoraġġ min-naħa tal-Awtoritajiet Responsabbli u nuqqasijiet serji fl-evalwazzjonijiet ex post tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri.

***Jirrimarka li hemm lok konsiderevoli għal titjib f'termini ta' selezzjoni ta' proġetti u akkwist pubbliku; Ihegġegħ lill-Kummissjoni tiżgura appoġġ imsaħħaħ lill-operazzjonijiet tal-Frontex.***

Or. en

**Emenda 6**  
**Sophia in 't Veld, Judith Sargentini, Cornelia Ernst**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Paragrafu 6a (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

***6a. Jinnota li l-ispejjeż tal-Kummissjoni fuq azzjonijiet ta' għoti għat-twaqqif ta' skemi PNR (reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri), fit-twettiq tal-Programm ta' Ħidma għall-2012 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, intefqu mingħajr l-approvazzjoni tal-Parlament b'rabta mal-proposta relatata għal Direttiva UE PNR, filwaqt li l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern kien irrifjuta dik il-proposta fl-24 ta' April 2013; Jiddubita l-legalità tal-għotjiet tal-Kummissjoni allokatu qabel id-***

*Emenda*

*deċiżjoni leġislattiva tal-Parlament jew  
kontra l-ispirtu tagħha;*

Or. en

**Emenda 7**

**Sophia in 't Veld, Judith Sargentini, Cornelia Ernst**

**Abbozz ta' opinjoni**

**Paragrafu 6b (ġdid)**

*Abbozz ta' opinjoni*

*Emenda*

***6b. Jinnota li l-Kummissjoni allokat għotja ta' EUR 5.7 miljun lill-Pajjiżi l-Baxxi għat-twaqqif ta' skema PNR nazzjonali fit-twettiq tal-Programm ta' Ħidma għall-2012 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, fuq suppożizzjoni li r-rekwiżiti legali nazzjonali rilevanti għat-twaqqif ta' proġett PNR jiġu adottati f'waqthom; Jinnota li l-parlament Olandiż irrifjuta l-introduzzjoni ta' skema PNR nazzjonali fl-4 ta' Settembru 2014; Jiddubita l-legalità tal-għotjiet tal-Kummissjoni allokatil lil Stati Membri qabel l-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet legali nazzjonali rilevanti;***

Or. en